**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **716/2021 AJD**

**ALBERT LUPI SPENCER**
**MARIO LUPI SPENCER**
**ANDREW LUPI SPENCER**
**ANTON SAID (KI 26138G)**
**VICTOR SAID (KI 5041G)**
**JOSEPH GRECH (KI 9771G)**
**ANTHONY GRECH (KI 200268M)**
**MARVIN GRECH (KI 14178G)**

**VS**

**EWKAR SULTANA (KI 37088G) u b'digriet tas-16 ta' Diċembru, 2021 l-isem ġie korrett għal EUCHAR U AVUKAT ĠENERALI b'digriet tas-16 ta' Diċembru, 2021 ġie sostitwit bl-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar l-operazzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, meqjus fid-dawl tal-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' rikors kostituzzjonali preżentat nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru 2021, ir-rikorrenti **<u>Albert Lupi Spencer et</u>** ippremettew:

   a. Illi l-atturi Albert Lupi Spencer, Mario Lupi Spencer u Andrew Lupi Spencer huma proprjetarji tal-biċċa raba' msejħa 'Ta' Kuljat' fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl superfiċjali ta' circa sitt elef, mija u sitta u ħamsin metru kwadru (6,156mk) konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Camilleri, Punent in parti ma' Triq iż-Żebbuġ u in parti ma' terz injoti, u Lvant ma' beni ta' Dun Ġużepp Fiteni, li ġiet għandhom in parti permezz ta' wirt u in parti minn kuntratt ta' bejgħ mingħand l-atturi l-oħra jew il-predicament tagħhom fit-titolu in atti Nutar Dottor Enzo Refalo tas-16 ta' Jannar 2017;

   b. Illi r-raba' in kwistjoni hija mqabbla u ilha hekk imqabbla għal ġenerazzjonijiet sħaħ lill-ante-kawża tal-konvenut Euchar Sultana, u l-istess Euchar Sultana bil-qbiela ta' erbgħa u tletin Ewro u ħamsa u disgħin Ewro ċenteżmi (€34.95) fis-sena;

   c. Illi gialadarba t-titolu ta' lokazzjoni li għandu l-konvenut Euchar Sultana huwa titolu ta' qbiela ossia lokazzjoni agrikola, japplika l-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta;

   d. Illi jirriżulta sproporzjon flagranti bejn il-valur lokatizju fuq is-suq ħieles u l-valur lokatizju kif impost u regolat bil-Kapitoli 199 tal-Liġijiet ta'

Malta u għalhekk bejn dak dovut lill-atturi u dak li qed jitħallas mill-konvenut Euchar Sultana, bħala gabillott tal-istess għalqa;

e. Illi l-Artikolu 4 tal-imsemmi Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li sid ir-raba' jista' jiġi awtorizzat jirriprendi lura l-pussess biss jekk tikkonkorri xi waħda miċ-ċirkostanzi tassattivament elenkati fit-tieni subinċiż tal-istess artikolu, u fin-nuqqas li tirrikorri mqar waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi, is-sid jiġi mġiegħel jaċċetta illi tali proroga tkun qed isseħħ kontra l-volonta' tas-sid innifsu;

f. Illi oltre dan, a tenur tal-Artikolu 3 tal-Kap 199, is-sid huwa prekluż milli jvarja jew jimmodifika, jew jaġixxi għal varjazzjoni jew għal modifika tal-kondizzjonijiet lokatizji, inkluż imma mhux biss, ir-rata tal-kera ossia l-qbiela pagabbli lilu, jekk mhux bil-ftehim miktub mal-gabillot, salv fil-każ li tirrikorri xi waħda mill-kundizzjonijiet u ċirkostanzi tassattivament elenkati fl-istess artikolu. Altrimenti s-sid ikollu bilfors iġedded il-qbiela b'mod indefinit bl-istess kundizzjonijiet, irrispettivament minn kull konsiderazzjoni oħra li tkun rilevanti għall-każ;

g. Illi barra minn hekk, l-Artikolu 14 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta espressament jipprovdi sanzjoni fil-konfront ta' kull patt jew kundizzjoni li jċaħħad lill-inkwilin minn xi benefiċċju mogħti lilu permezz tal-Kap 199, biex b'hekk lanqas bil-kunsens tal-inkwilin ma jista s-sid jinftiehem biex itejjeb il-qagħda tiegħu fil-kuntest tal-kirja li għaliha l-proprjeta' tiegħu tkun soġġetta;

h. Illi għalhekk id-disposizzjonijiet tal-Kap 199 qegħdin iċaħħdu lill-atturi mit-tgawdija paċifika tal-possediment tagħhom b'karenza tal-interess pubbliku neċessarju sabiex din iċ-ċaħda tista' tkun ġustifikata u dana bi vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif tutelati mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

i. Illi oltre dan, l-atturi qegħdin isofru għal kontroll u interferenza fl-użu u fit-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom bħala riżultat tad-disposizzjonijiet tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, liema kontroll u interferenza jikkostitwixxu piż sproporzjonat li qegħdin jitgħabbew bih l-atturi mingħajr kumpens xieraq u adegwat;

j. Illi apparti dan kollu, il-liġi hija diskriminatorja fil-konfront tas-sid billi l-Att XXXI tal-1995 u l-Att X tal-2009 ma japplikawx għall-gabellaġġ tar-raba' waqt li fondi oħra, ossia fondi immobiljari, l-kirjiet tagħhom wara l-1 ta' Ġunju 1995 jistgħu jiġu terminati għaliex iż-żmien miftiehem huwa rabta bejn il-partijiet;

k. Illi oltre dan, a tenur tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ma jistgħu qatt jitterminaw il-qbiela, għaliex skont l-istess liġi, l-inkwilin jista' jassenja l-qbiela lil uliedu u/jew nies li jiġu minnhom, u dan minkejja li l-proprjeta' mhix tagħhom, mentri l-atturi jibqgħu dejjem ristretti li jirċievu s-somma rriżorja ta' €34.95 fis-sena. Kwalunkwe valur li l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' jista' jawmenta ma jista qatt jirrifletti l-valur veru u reali mal-valur lokatizju tal-għalqa fis-suq;

l. Illi l-atturi m'għandhomx rimedju effettiv a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante li huma ma jistgħux iżidu l-kera b'mod ekwu u ġust skont il-valur korrenti tas-suq, stante li dak li effettivament huma jistgħu jirċievu huwa dak biss li jippermetti l-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta;

m. Illi dan kollu gia ġie determinat fil-kawżi ***Antonio*** [recte: ***Amato***] ***Gauci vs Malta*** (Application No 47045/06) deċiża mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009, u ***Lindkenin*** [recte: ***Lindheim***] ***and Others vs Norway*** (Application No 13221/08 u 2139/10) deċiża fit-12 ta' Ġunju 2012 u ***Zammit u Attard Cassar vs Malta*** (Application No 10446/12) deċiża fit-30 ta' Lulju 2015. Dan ifisser li l-atturi qegħdin isofru minn nuqqas ta' *'fair balance'* bejn l-interessi ġenerali tal-komunita' u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-

Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kif deċiż f'***Beyeler vs Italy*** (Application No 33202/96), ***J. A. Pye (Oxford) Ltd and J. A. Pye (Oxford) Land Ltd vs United Kingdom (GC)*** (Application No 44302/02 § 75 ECHR 2007 – 111) u għalhekk il-prinċipju tal-proporzjonalita' kif ġie deċiż f'***Ahmeida Ferreira and Melo Ferreira vs Portugal*** (Application No. 41696/07 § 27 u 44) tal-21 ta' Diċembru 2010;

n. Illi r-regolamentazzjoni tal-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' huwa interferenza mad-dritt tas-sid għall-użu tal-proprjeta' tiegħu stante li din hija skema ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jgawdi l-proprjeta' tiegħu stante li ma jistax jittermina kirja tal-inkwilin lilhinn mit-terminu oriġinarjament miftiehem ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (ara ***Hutton Czapska vs Poland*** (GC) (Application No 35014/97 §§ 160-161 ECHR 2006 – VIII), ***Bitto and Others vs Slovakia*** (Application No 30255/09, § 101), 28 ta' Jannar 2014;

o. Illi tirriżulta direttament diskriminatorja a tenur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;

p. Illi għalhekk il-Liġi fuq imsemmija u cioe l-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Mlata għandha tiġi dikjarata anti-kostituzzjonali u fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-atturi għandhom jirċievu danni pekunjarji bl-interessi kontra l-intimati u l-iżgumbrament mill-fond stante l-piż żejjed li l-atturi qed jerfgħu minħabba leġislazzjoni inġusta u mhux ekwa u li ma toħloqx bilanċ bejn id-drittijiet tal-inkwilin u dawk tas-sid skont ma ġie deċiż fil-ġurisprudenza fuq ċitata;

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara u tiddeċiedi li d-disposizzjonijiet tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-Artikoli 3, 4, u 14 qegħdin jagħtu dritt ta' lokazzjoni lill-konvenut għall-għalqa msejħa "Ta' Kuljat" fil-limiti taż-

Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' cirka sitt elef, mija u sitta u ħamsin metru kwadru (6,156mk) konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Camilleri, Punent in parti ma' Triq iż-Żebbuġ u in parti ma' terzi persuni li m'humiex magħrufa, u Lvant ma' beni ta' Dun Ġużepp Fiteni, proprjeta' tal-atturi, Albert, Mario u Andrew aħwa Lupi Spencer;

ii. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li ġew u qed jiġu leżi d-drittijiet tal-atturi għat-tgawdija tal-proprjeta' tagħhom kif protetti mill-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta), kif ukoll l-Artikolu 6 tal-istess Konvenzjoni, u b'hekk tagħtihom rimedji li jidhrilha xierqa fis-sitwazzjoni li jinsabu fiha, inkluż dik tar-ripresa tal-pussess tal-fond in kwestjoni;

iii. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimati jew min minnhom huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti b'konsegwenza tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att XVI tal-1967) li ma kkreax bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin;

iv. Tillikwida l-kumpens u danni non-pekunjarji sofferti mill-atturi ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;

v. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu l-istess kumpens u danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar is-sittax (16) ta' Novembru 2021, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smigħ għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, sittax (16) ta' Diċembru 2021, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-konvenuti, illi ngħataw għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika lilhom tal-istess, sabiex jirrispondu skont il-liġi;

5. B’risposta datata sitta (6) ta’ Jannar 2022, l-**Avukat tal-Istat**[1] eċċepixxa:

   a. Illi preliminarjament, l-Avukat Ġenerali tirrileva illi hi ma hijiex il-leġittimu kuntradittur tar-rikorrenti, stante li l-Avukat Ġenerali m’għandhiex is-setgħa li tirrappreżenta l-Gvern jew entitajiet governattivi f’kawżi kostituzzjonali bħal din odjerna, u dan skont il-Liġi – semmai dik is-setgħa hija vestita f’istituzzjoni kostituzzjonali oħra, u cioe l-Avukat tal-Istat kif jirriżulta mill-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Artikolu 2 tal-Kap 603 tal-Liġijiet ta’ Malta;

   b. Illi in vena preliminari wkoll, ikun xieraq li r-rikorrenti jġibu l-aħjar prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond mertu tal-kawża u cioe tal-għalqa msejħa “Ta’ Kuljat” fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex tal-kejl ta’ cirka sitt elef, mija u sitta u ħamsin metru kwadru (6,156mk) konfinanti min-Nofsinhar ma’ beni ta’ Carmelo Camilleri, mill-Punent in parti ma’ Triq iż-Żebbuġ, u in parti ma’ terzi persuni li m’humiex magħrufa, u mil-Lvant ma’ beni ta’ Dun Ġużepp Fiteni;

   c. Illi preliminarjament ukoll, sabiex tissokta din l-azzjoni, ir-rikorrenti għandhom ukoll jindikaw id-data preċiża ta’ meta ġiet konċessa l-kirja u jridu jġibu l-aħjar prova tal-ftehim tal-kirja tal-fond mertu ta’ din il-kawża;

   d. Illi magħdud mal-premess u mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti jridu jressqu prova konvinċenti li l-proprjeta’ in kwestjoni hija tabilħaqq soġġetta għall-kirja li hija regolata bil-Kap 199 tal-Liġijiet ta’ Malta;

   e. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi rilevat illi l-proċedura odjerna hija intempestiva stante illi jeżistu rimedji ordinarji fil-forma ta’ mezzi ġudizzjarji li r-rikorrenti setgħu jużufruwixxu ruħhom minnhom biex jipprendu l-pussess tal-fond de quo;

[1] Minkejja illi r-Risposta in atti taqra *Risposta tal-Avukat Ġenerali*, din ir-risposta effettivament ħarġet mill-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. Dan peress illi, fl-okkju tar-Rikors Kostituzzjonali, kien indikat l-Avukat Ġenerali bħala intimat, minflok l-Avukat tal-Istat. L-okkju tal-kawża ġie korrett permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti mogħti waqt is-seduta tas-16 ta’ Diċembru 2021.

f. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jingħad illi r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar perjodi qabel ma huma kellhom titolu fuq il-proprjeta' in kwistjoni u dan minħabba li f'dak l-istadju ċertament li wieħed ma jistax jitkellem dwar possediment. F'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li mir-rikors promotur jidher li r-rikorrenti kienu komproprjetarji tal-fond in kwistjoni sal-2017, f'liema sena huma volontarjament akkwistaw xi ishma oħra tal-fond mertu tal-kawża meta huma kienu diġa' konsapevoli tal-qbiela li l-art in kwestjoni hija allegatament soġġetta. Għalhekk għal tali perjodu, *dato ma non concesso* li din il-Qorti ssib li kien hemm ksur, kwalunkwe kumpens li jista' jiġi ordnat jingħata għandu jkun jirrifletti biss is-sehem indiviż li r-rikorrenti kellhom f'dak il-perjodu. Apparti minn hekk, għal ishma tal-art in kwestjoni li ġew akkwistat b'kuntratt ta' bejgħ għandu japplika l-massimu *volenti non fit injuria*;

g. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-intimat jirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti, stante li huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet li qegħdin jiġu avvanzati mingħajr preġudizzju għal xulxin;

h. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti mhijiex mistħoqqha għaliex mhux minnu li l-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż l-Artikoli 3, 4 u 14 tal-istess Kap 199, jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita u lanqas li jrendu impossibbli li r-rikorrenti jieħdu lura l-pussess tal-għalqa f'idejhom;

i. Illi magħdud mas-suespost, u mingħajr preġudizzju, l-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħti ebda dritt ta' rilokazzjoni, allura l-ewwel talba, sa fejn tattakka din il-Liġi partikolari, ma tistax tintlaqa'. Infatti, dan l-Artikolu jipprovdi l-mekkaniżmi li bihom jistgħu jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-kirja. Inoltre, l-Artikolu 4 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta jsemmi varji istanzi meta l-kirja tista' ma tiġġeddidx jew tista' tiġi terminata u jipprovdi mekkaniżmu legali quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', f'każ li s-sid ma jilħaqx ftehim mal-inkwilin. Għaldaqstant, ma jistax jingħad li dan l-Artikolu jagħti dritt ta'

rilokazzjoni indefinita u jrendi impossibbli r-ripreża tal-fond *de quo* – pjuttost jipprovdi proprju l-mekkaniżmu għar-rirpeża tal-fond favur is-sid;

j. Illi lanqas huwa mistħoqq l-ilment tar-rikorrenti fejn jgħidu li huma ma jistgħux jawmentaw il-qbiela. Skont l-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' jista' jintalab mis-sidien jagħmel kundizzjonijiet ġodda fil-kirja biex il-kirja tiġi regolata bħal kirjiet oħra ta' għelieqi paragunabbli fl-istess parti fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex. Dan ifisser illi jekk sid il-kera juri li fil-qrib hemm art oħra paragunabbli għal tiegħu, fejn il-valur tal-kera mħallas ikun ħafna aktar għoli mill-valur tal-kera li jkun qed jirċievi hu, allura dak is-sid jista' jitlob lill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' sabiex l-ammont tal-kera tar-raba' tiegħu jogħla daqs l-ammont tal-kera li jkun qiegħed iħallas fuq ir-raba' simili għal tiegħu;

k. Illi jirriżulta għalhekk li permezz tal-istess Artikoli 3 u 4 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, is-sid jista' jilħaq ftehim mal-inkwilin sia għat-tibdil fil-kundizzjonijiet tal-kirja, u anke t-terminazzjoni tagħha, għal kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti fejn huma ilmentaw li huma qed jiġu sfurzati f'kirja li ma jridux *ad eternum*;

l. Illi fir-rigward tal-Artikolu 14 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimat jirrileva li tali Artikolu ma jżommx jew ma jwaqqafx lill-partijiet konċernati milli jilħqu ftehim kif ingħad iżjed 'il fuq, jew illi jirrikorru għall-mekkaniżmi legali maħsuba fl-istess Kap 199. Għaldaqstant ma jistax jingħad li dan l-Artikolu jagħti dritt ta' rilokazzjoni indefinita u jrendi impossibbli r-ripreża tal-fond *de quo*;

m. Illi safejn ir-rikorrenti qegħdin jattakkaw it-tħaddim tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta fuq is-saħħa tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan ma jistax jiġi mistħarreġ. Dan qiegħed jingħad għaliex skont l-Artikolu 37(2)(f) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi ħaġa safejn din

tkun tipprovdi għat-teħid ta’ pussess jew akkwist ta’ proprjeta’ li sseħħ fil-kuntest ta’ kirja;

n. Illi f’kull każ, ir-rikorrenti ma ġarrbu l-ebda ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta’ ġidhom taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u dan peress li dan l-artikolu jgħodd biss meta jkun hemm teħid imġiegħel tal-proprjeta’. Tassew sabiex wieħed ikun jista’ jitkellem dwar teħid imġiegħel, persuna trid tiġi mneżżgħa minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjeta’ bħal meta jkun hemm ordni ta’ esproprjazzjoni ta’ xiri dirett. Pero’, dan m’huwiex il-każ hawnhekk, għaliex bl-applikazzjoni tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta’ Malta, ir-rikorrenti ma tilfux għal kollox il-jeddijiet kollha tagħhom fuq il-ġid in kwestjoni. Tant hu hekk, li l-Artikolu 4 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta’ Malta jsemmi lista sħiħa ta’ ċirkostanzi ta’ meta sid ta’ art agrikola jista’ jitlob li l-kirja tagħha ma tibqax tiġġedded u b’hekk tiġi lura għandu;

o. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, għandu jingħad li skont il-*proviso* ta’ dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta’ proprjeta’ skont l-interess ġenerali. F’dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x’inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Sewwasew fil-każ tagħna, il-Kap 199 tal-Liġijiet ta’ Malta għandu: (i) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi; (ii) huwa fl-interess ġenerali għax maħsub biex iħeġġeġ u jħares it-tkabbir ta’ prodotti agrikoli, fjuri u siġar tal-frott li huma meħtieġa għall-ħajja; u (iii) iżomm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-gabillott u tal-poplu b’mod ġenerali. Jiġi b’hekk li l-Avukat tal-Istat ma jarax kif il-Kap 199 tal-Liġijiet ta’ Malta għandu jitqies li jmur kontra l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

p. Illi dwar l-ilment mibni fuq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Avukat tal-Istat jissottometti li l-kunċett kollu ta' smigħ xieraq ma jdurx mal-interpretazzjoni tal-liġi sostantiva jew mal-prinċipji tal-ermenewtika legali iżda huwa mixħut esklussivament fuq il-*procedural fairness* ta' kawża. L-aċċess għall-qorti ma jfissirx li l-liġi għandha tinkiteb kif tkun tixtieq parti. Billi għalhekk l-ilment tar-rikorrenti mhuwiex marbut ma' xi nuqqas proċedurali, dan l-ilment għandu jiġi miċħud ukoll;

q. Illi jiġi b'hekk li kull talba konsegwenzjali marbuta ma' dawn l-artikoli suesposti mhijiex mistħoqqa;

r. Illi fir-rigward tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames talba, jiġi eċċepit li f'kull każ ir-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens u danni ai termini tal-Artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan għaliex it-tali artikolu jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin. Tali artikolu lanqas jifforma parti mil-liġi Maltija;

s. Illi fil-każ u fir-rigward tat-tieni talba, minn kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna, din il-Qorti mhijiex il-forum adattat sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għal żgumbrament tal-intimat mill-imsemmija proprjeta' u dwar ir-ripreża tal-pussess tal-istess proprjeta'. Konsegwentement, f'każ li r-rikorrenti qegħdin jippretendu t-tali rimedju, din it-talba għal dan ir-rimedju għandha tiġi miċħuda wkoll;

t. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

6. Għaldaqstant l-Avukat tal-Istat sostna illi fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom;

7. B'risposta datata erbatax (14) ta' Diċembru 2021, l-intimat **<u>Euchar Sultana</u>** eċċepixxa:

a. Illi in linea preliminari l-intimat Sultana rrileva li ismu kellu jaqra *Euchar* u mhux *Ewkar*, u għaldaqstant kien hemm bżonn li ssir korrezzjoni fl-okkju sabiex dan jiġi rifless ukoll fl-atti ta' din il-kawża;

b. Illi qabel xejn, ir-rikorrenti għandhom jippruvaw it-titolu tagħhom, cioe li huma verament is-sidien tal-għalqa mertu ta' din il-kawża;

c. Illi in linea preliminari wkoll, l-intimat Sultana qatt ma jista jkun leġittimu kuntradittur f'kawża kostituzzjonali għax hu la jirrappreżenta lill-Istat taħt il-Kostituzzjoni u lanqas jista' jaqa' taħt l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-intimat Sultana ma kellu l-ebda sehem attiv jew passiv fil-promulgazzjoni tal-ebda liġi, u li allegatament qiegħed jingħad li hija leżiva tad-drittijiet tal-bniedem;

d. Illi r-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji tagħhom rigward l-ilment minnhom imressaq u dan billi jagħmlu użu mid-drittijiet mogħtija lilhom mil-leġislatur taħt il-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti kellhom a disposizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom. Konsegwentement l-ilment kif imfassal għandu jiġi miċħud;

e. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-azzjoni tar-rikorrenti hija improponibbli sa fejn jirrigwarda l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li dan l-artiklu japplika biss f'każ ta' teħid forzuż ta' proprjeta' u l-każ odjern assolutament ma jinkwadrax taħt din iċ-ċirkustanza. Anke li kieku għall-grazzja tal-argument japplika l-istess artitkolu, assolutament m'hemm l-ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

f. Illi fir-rigward tal-lamentela tar-rikorrenti in kwantu bażata fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll, għandu jingħad li r-rikorrenti – jekk jippruvaw it-titolu tagħhom – kienu u għadhom sidien tal-għalqa in kwistjoni u għalhekk għadhom fil-possibilita' li huma jiddisponu minnha kif jidhrilhom. Għalhekk wieħed ma jistax jitkellem minn teħid

forzuż tal-proprjeta', iżda biss kontroll ta' użu li huwa permess skont il-marġini wiesgħa tal-Istat f'dan ir-rigward;

g. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Artikoli tal-liġi impunjati m'humiex leżivi għad-drittijiet fondamentali billi huma nnifishom jistabbilixxu proċedura dwar kif il-kondizzjonijiet jistgħu jiġu varjati. Il-fatt li teżisti liġi ma jfissirx li dan huwa leżiv ta' xi drittijiet iżda huwa mezz ta' kontroll xieraq biex jiġi evitat kaos. Għalhekk ma jistax jingħad li l-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta' Malta jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħhom skont l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

h. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, kull allegazzjoni li r-rikorrenti qed isofru piż sproporzjonat mingħajr kumpens xieraq hija infondata u fi kwalunkwe każ anke jekk il-qbiela perċepita tirriżulta inferjuri għall-valur lokatizju fis-suq ħiles, dan it-tnaqqis huwa kontro-bilanċjat bil-marġini wiesgħa tal-Istat li jilleġisla fl-interess pubbliku;

i. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u għal dawk sussegwenti, ir-raba' hija mikrija għal skopijiet agrikoli bħal ħafna mir-raba' f'Malta u Għawdex, u fil-fatt l-intimat Sultana huwa reġistrat bħala *part-time farmer*. Għalhekk, aktar u aktar, hemm interess soċjali u pubbliku li għandu jiġi mħares. Huwa l-obbligu tal-Istat li jara li s-settur agrikolu jiġi mħares u protett bl-aktar mod xieraq u ġust u dan anke tenut kont li llum-il ġuranata, l-artijiet agrikoli u/jew għelieqi huma ferm skarsi;

j. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, jekk din il-Qorti ssib ksur kif mitlub, kull ħlas ta' danni għandu jsir mill-intimat l-ieħor f'din il-kawża u mhux mill-intimat Sultana. Wkoll l-intimat Sultana m'għandu jbati l-ebda ħlas ta' spejjeż ta' dawn il-proċeduri. Dan għar-raġuni li l-intimat Sultana m'għandux jiġi penalizzat għax għamel użu mid-drittijiet naxxenti u mogħtija lilu mil-liġi;

k. Illi salv is-suespost, b'referenza għar-risposta tal-Avukat tal-Istat, l-intimat Sultana assoċja ruħu ma' tali risposta u għamel tiegħu l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat in kwantu kompatibbli ma' dawk hawn premess;

l. Illi l-esponenti kien qiegħed jikkonferma l-kontenut tar-risposta bil-ġurament tiegħu;

m. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

8. Waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tawtorizza korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi l-kelma *"Avukat Ġenerali"* taqra *"Avukat tal-Istat"*, filwaqt illi l-kelma *"Ewkar"* tiġi kkanċellata u sostitwita bil-kelma *"Euchar"*. Fin-nuqqas t'oġġezzjoni da parti tal-intimati, din il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet kif mitluba;

9. In oltre, waqt l-istess seduta, ir-rikorrenti talbu l-ħatra ta' Perit Tekniku sabiex jiġi stmat il-valur lokatizju tal-għalqa msejħa 'Ta' Kuljat', fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' 6,156mk mis-sena 1987 sa Diċembru 2021, f'intervalli ta' ħames snin. Fin-nuqqas t'oġġezzjoni da parti tal-intimati, din il-Qorti laqgħet it-talba u nnominat għal dan il-għan lill-Perit Michael Lanfranco bħala Perit Tekniku, a spejjeż proviżorjament tar-rikorrent;

10. Ir-rapport tal-Perit Tekniku ġie preżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-ewwel (1) ta' Frar 2022, u debitament maħluf fir-Reġistru tal-istess Qorti fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2022.

**Il-Qorti**

11. Reġgħet rat ir-rikors tar-rikorrenti datat ħamsa (5) ta' Novembru 2021;

12. Reġgħet rat ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat datata għaxra (10) ta' Diċembru 2021;

13. Reġgħet rat ir-risposta tal-intimat Euchar Sultana datata erbatax (14) ta' Diċembru 2021;

14. Rat id-digriet mogħti minna stess fis-seduta tas-sittax (16) ta' Diċembru 2021, fejn inħatar il-Perit Michael Lanfranco bħala Perit Tekniku sabiex jagħti stima tal-valur lokatizju tar-raba' *de quo* mis-sena 1987 sad-data tas-seduta, f'intervalli ta' ħames snin;

15. Rat in-nota tar-rikorrenti datata tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2022, illi permezz tagħha ppreżentaw in atti: (a) kopja ta' ċedola ta' depositu (**Dok ALS** a fol 43 tal-proċess); (b) ċertifikat tal-Impriża Agrikola f'isem Mario Lupi Spencer (**Dok ALS1** a fol 42 tal-proċess); (c) att ta' *causa mortis* tal-għaxra (10) ta' Mejju 2010 (**Dok ALS2** a fol 38 *et seq* tal-proċesss); (d) *causa mortis* tat-tlettax (13) ta' Novembru 2002 (**Dok ALS3** a fol 34 *et seq* tal-proċess); (e) *causa mortis* datata sitta (6) ta' Diċembru 2011 (**Dok ALS4** a fol 32-33 tal-proċess);

16. Rat illi, waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar 2022, ir-rikorrenti ddikjaraw illi, salv dak li seta' jirriżulta mir-rapport tal-Perit Tekniku, huma ma kellhomx aktar provi xi jressqu;

17. Rat ir-rapport tal-**Perit Tekniku Michael Lanfranco** a fol 49 *et seq* tal-proċess, kif preżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fl-ewwel (1) ta' Frar 2022, u debitament maħluf fir-Reġistru tal-istess Qorti nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2022;

18. Rat in-nota tal-intimat Euchar Sultana, illi permezz tagħha talab il-ħatra ta' periti perizjuri fit-termini tal-Artikolu 677 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (a fol 62 tal-proċess);

19. Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tal-Perit Michael Lanfranco, imressqa mill-Avukat tal-Istat permezz ta' nota preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti

datata tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2022 (**Dok A** a fol 64-65 tal-proċess);

20. Rat it-tweġibiet tal-Perit Michael Lanfranco għall-mistoqsijiet magħmula lilu in eskussjoni mill-Avukat tal-Istat, a fol 69 *et seq* tal-proċess;

21. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Mario Lupi Spencer** (**Dok MLS** a fol 76-77 tal-proċess);

22. Rat l-affidavit ta' **Albert Lupi Spencer** (**Dok ALS** a fol 78 tal-proċess);

23. Rat il-mistoqsijiet in eskussjoni tal-Perit Michael Lanfranco, imressqa mill-intimat Euchar Sultana permezz ta' nota preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti datata wieħed u għoxrin (21) t'April 2022, a fol 79 *et seq* tal-proċess;

24. Rat it-tweġibiet tal-Perit Michael Lanfranco għall-mistoqsijiet magħmula lilu in eskussjoni mill-intimat Euchar Sultana, a fol 84 *et seq* tal-proċess;

25. Rat id-dokumenti esebiti mill-Avukat tal-Istat permezz ta' nota fir-Reġistru ta' din il-Qorti datata wieħed u tletin (31) ta' Mejju 2022, u cioe: (a) artikoli minn diversi ġurnali lokali dwar l-agrikoltura f'Malta (**Dok AS1 sa AS6** a fol 91 *et seq* tal-proċess); (b) traskrizzjoni ta' xhieda ta' Malcolm Borg, mogħtija fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2022 fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet *Christopher Borg et vs Avukat tal-Istat et* (**Dok AS7** a fol 112 *et seq* tal-proċess) u d-dokumenti esebiti fl-istess xhieda (**Dok MB1 sa MB6** a fol 123 *et seq* tal-proċess); u (c) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea rigward l-istrateġija ta' Malta relatata mal-CAP, ippubblikata fit-18 ta' Diċembru 2020 (**Dok AS8** a fol 245 *et seq* tal-proċess);

26. Rat l-affidavit tal-intimat **Euchar Sultana** (**Dok A** a fol 278 tal-proċess) u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) żewġ irċevuti għal makkinarju tar-raba' mixtri mir-rikorrenti (**Dok ES1** a fol 282 u **Dok ES2** a fol 283 tal-proċess); (b) *satellite image* u żewġ ritratti illi juru l-entratura tar-raba' in kwestjoni (**Dok ES3, ES4 u ES5** a fol 284-286 tal-proċess; (c) kopja tal-irċevuti ta' ħlas ta' qbiela mit-tletin (30) t'Awwissu 2007 sal-wieħed u tletin

(31) t'Awwissu 2015 (**Dok ES6 sa ES8** a fol 287-289 tal-proċess); (d) kopji ta' diversi ċedoli ta' depożitu għas-snin bejn is-sena 2016 u s-sena 2021 (**Dok ES9 sa ES12** a fol 290 *et seq* tal-proċess); (e) kopja tas-*Census of Agriculture 2020* maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (**Dok ES13** a fol 294 *et seq* tal-proċess); (f) dokument maħruġ mill-*Eurostat* rigward il-prezzijiet u l-kiri tal-art agrikola (**Dok ES14** a fol 303 *et seq* tal-proċess); (f) artikolu mill-ġurnal *The Times of Malta* rigward tħassib fost il-bdiewa dwar is-settur agrikolu f'Malta (**Dok ES15** a fol 313 *et seq* tal-proċess); (g) konvenju ta' bejgħ u xiri ta' raba' qrib ir-raba' mertu tal-kawża (**Dok ES16** a fol 319 *et seq* tal-proċess); u (h) *satellite image* illi juri r-raba' f'Dok ES16 u r-raba' mertu ta' dil-kawża (**Dok ES 17** a fol 322 tal-proċess);

27. Rat in-nota ta' **Euchar Sultana** illi permezz tagħha ppreżenta sett ta' sbatax-il nota ta' insinwa dwar kuntratti ta' bejgħ u xiri ta' raba' agrikola (**Dok B sa Dok O** a fol 330 *et seq* tal-proċess);

28. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' **Mario Lupi Spencer**, prodott mill-Avukat tal-Istat, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2022[2];

29. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' **Albert Lupi Spencer**, prodott mill-Avukat tal-Istat, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2022[3];

30. Semgħet ix-xhieda in kontro-eżami ta' **Euchar Sultana**, prodott mill-Avukat tal-Istat, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2022[4], u rat is-sett ta' tliet (3) ritratti minnu esebiti u mmarkati **Dok ES1 sa Dok ES3** a fol 358-360 tal-proċess;

31. Rat illi, waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2022, l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'iressqu;

[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 348-350 tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 351-352 tal-proċess
[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tinsab a fol 353-357 tal-proċess

32. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata wieħed u tletin (31) t'Ottubru 2022, a fol 361 *et seq* tal-proċess;

33. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Euchar Sultana datata tletin (30) ta' Novembru 2022 a fol 382 *et seq* tal-proċess;

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat datata sittax (16) ta' Diċembru 2022 a fol 420 *et seq* tal-proċess;

35. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

36. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**A. <u>Eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat u mill-intimat Sultana fl-ewwel paragrafu tar-risposti rispettivi tagħhom</u>**

37. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tiegħu, ġie eċċepit illi l-Avukat Ġenerali, kif kien ġie indikat fir-rikors promotur, m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna, iżda huwa l-Avukat tal-Istat li għandu s-setgħa li jirrappreżenta l-Gvern jew entitajiet governattivi f'kawżi ta' din ix-xorta;

38. Mill-banda l-oħra, fl-ewwel paragrafu tar-risposta tiegħu, l-intimat Sultana eċċepixxa illi ismu kien ġie erronjament indikat fir-rikors promotur bħala *'Ewkar'* meta fil-fatt kellu jkun *'Euchar'*;

39. Dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ġew sorvolati waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Diċembru 2021[5], meta din il-Qorti awtorizzat il-korrezzjonijiet relattivi fir-rikors promotur, u għalhekk din il-Qorti sejra **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

[5] Vide verbal a fol 26 tal-proċess

**B. Eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat u mill-intimat Sultana fit-tieni paragrafu tar-risposti relattivi tagħhom**

40. Fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi r-rikorrenti għandhom iġibu l-aħjar prova tat-titolu tagħhom fuq ir-raba' mertu tal-kawża, bħalma jeċċepixxi wkoll l-intimat Sultana fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu;

41. Din il-Qorti tirrileva illi huwa stabbilit minn ġurisprudenza kostanti illi tirrigwarda l-Kostituzzjonalita' o meno tal-Liġijiet tal-kera viġenti, illi f'dak illi huwa t-titolu tar-rikorrenti għall-proprjeta' mertu ta' din il-kawża, dawn m'humiex proċeduri dwar kwestjonijiet illi jirrigwardaw titolu, u għalhekk huwa biżżejjed illi jiġi pruvat mir-rikorrenti illi huma għandhom il-possibilta' illi jeżerċitaw xi forma ta' jeddijiet lokatizji fuq il-proprjeta' in kwestjoni. Difatti, ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Mizzi et vs Avukat tal-Istat et***[6], fejn, b'referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Robert Galea vs Avukat Ġenerali et***[7], il-Qorti sostniet:

> *Illi biex wieħed ikun f'qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed oriġinali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kienet waħda ta' rivendika. Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd tal-ħaġa li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun.*

[6] Rik Kostituzzjonali Nru 13/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, 16 ta' Diċembru 2021, Onor Imħ Joanne Vella Cuschieri (in ġudikat)
[7] Rik Kostituzzjonali Nru 50/2015, Qorti Ċivili (Prim'Awla) Sede Kostituzzjonali, 7 ta' Frar 2017, Onor Imħ Joseph R Micallef (in ġudikat)

42. Hekk ukoll ġie rilevat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza mogħtija riċentement fl-ismijiet ***B. Tagliaferro & Sons Limited vs Avukat tal-Istat et***[8] dwar eċċezzjoni identika għal dik in eżami:

> *14. Din l-eċċezzjoni għandha tiftiehem fil-kuntest tat-talbiet. L-ilment tal-attriċi kien dwar l-indħil fid-drittijiet tagħha mhux tant ta' sid daqskemm ta' sid-il-kera. Huwa għalhekk illi f'każijiet bħal dawn ma hijiex meħtieġa l-probatio diabolica tal-proprjeta': biżżejjed tintwera r-relazzjoni ta' bejn sid-il-kera u kerrej għax (i) minn dik ir-relazzjoni jiġi d-dħul mill-kirja; (ii) hija dik ir-relazzjoni li tintlaqat bir-restrizzjonijiet tal-liġijiet tal-kera; u (iii) mhux meħtieġ li tkun sid biex tkun sid il-kera.*
>
> *15. Għalhekk, strettament il-prova li għamlet l-attriċi li hija sidt il-fond, billi wriet il-kuntratt li bih kisbet il-proprjeta', ma hijiex biżżejjed għax ma turix ukoll illi hija sid-il-kera. Jekk sid-il-kera hija soċjeta' jew entita' oħra, id-dħul, jew nuqqas ta' dħul, tal-attriċi jiġi mir-relazzjoni tagħha ma' dik is-soċjeta' jew entita' oħra, u mhux mir-relazzjoni mal-konvenuti kerrejja. Iżda ladarba l-ilment tal-attriċi hu msejjes fuq ir-relazzjoni mal-konvenuti kerrejja, hija meħtieġa prova tal-eżistenza ta' dik ir-relazzjoni.*

43. Fil-każ odjern, tressqu s-segwenti provi dwar dik illi hija relazzjoni lokatizja bejn l-atturi u l-intimat:

a. Kopji tal-irċevuti tal-ħlas ta' qbiela minn Awwissu 2007 sa Awwissu 2015 iffirmati minn ċertu 'A. Said' (**Dok ES6 sa ES8** a fol 287-289 tal-proċess);

[8] Rik Kostituzzjonali Nru 15/2021, Qorti Kostituzzjonali, 26 t'Ottubru 2022

b. Kopji ta' ċedoli ta' depositu illi permezz tagħhom l-intimat Sultana ddeposita taħt l-awtorita' tal-Qorti l-qbiela dovuta għas-snin 2016 sa Awwissu 2018 (**Dok ES9 sa ES11** a fol 290-292 tal-proċess), intavolati kontra r-rikorrent Anton Said għal raba' ta' kejl ta' madwar ħamest itmien, ossia ħamest elef sitt mija u għoxrin metri kwadri (5,620mk);

c. Kopja ta' ċedola ta' depositu illi permezz tagħha l-intimat Sultana ddeposita taħt l-awtorita' tal-Qorti l-qbiela dovuta għas-snin 2019 sa 2021 (**Dok ES12** a fol 293 tal-proċess), intavolata kontra r-rikorrent Albert Lupi Spencer, Mario Joseph Lupi Spencer u Andrew Lupi Spencer għal raba' ta' kejl ta' madwar ħamest itmien, ossia ħamest elef sitt mija u għoxrin metri kwadri (5,620mk);

d. Kopja ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Emanuela sive Lina Lupi Spencer, pubblikata fl-atti tat-tlettax (13) ta' Novembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Enzo Dimech, illi permezz tagħha r-rikorrenti akkwistaw kwota ta' kwart (1/4) indiviż ta' terz (1/3), jiġifieri kwota ta' dodiċesima parti (1/12) indiviża mill-*"biċċa raba' msejħa "ta' Kuljat", limiti Żebbuġ, Għawdex, tal-kejl ta' cirka sitt elef, mija u sitta u ħamsin metri kwadri (6,156 mk), tmiss nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Camilleri, lvant ma' beni tal-familja Fiteni u tramuntana ma' beni tal-familja Buttigieg, jew irjieħ aktar korretti, soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (LM 1.25)"* (**Dok ALS3** a fol 34 *et seq* tal-proċess);

e. L-affidavit ta' Mario Lupi Spencer illi fih ir-rikorrent isostni illi hu u ħutu xtraw ħdax-il parti minn tnax (11/12) mingħand iz-zijiet tagħhom Anton Said, Victor Said u Maria mart Vincent Grech permezz ta' kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tas-16 ta' Jannar 2017;

f. Fl-affidavit tiegħu, l-intimat Euchar Sultana jagħmel referenza għal *"sidien ir-raba'"* u *"sidien tal-għalqa"* iżda fl-ebda punt fil-proċeduri

ma jikkonferma eżattament min kienu dawn is-sidien illi hu kien qed jirreferi għalihom, u cioe jekk hux ir-rikorrenti kollha, wieħed minnhom, u/jew uħud minnhom;

44. **Mill-premess jirriżulta lil din il-Qorti sensiela ta' fatti illi assolutament ma jinkwadrawx flimkien;**

45. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti Victor Said, Joseph Grech, Anthony Grech u Marvin Grech ma jidhru mkien fil-provi prodotti fil-proċeduri odjerni, la fil-kwalita' tagħhom ta' sidien, u lanqas ta' sidien-il-kera;

46. Fit-tieni lok, il-kuntratt pubblikat fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tas-16 ta' Jannar 2017 illi jsemmi Mario Lupi Spencer fl-affidavit tiegħu **ma jirriżulta mkien mill-atti**, b'dana illi din il-Qorti għandha quddiemha biss, min-naħa l-waħda, prova tal-fatt illi r-rikorrenti Albert Lupi Spencer, Mario Lupi Spencer u Andrew Lupi Spencer huma sidien ta' dodiċesima parti (1/12) indiviża tar-raba' mertu ta' din il-kawża, filwaqt illi mbagħad għandha ċ-ċedola ta' depożitu bil-ħlas tal-qbiela għas-snin 2019 sa 2021 illi tgħajjat lilhom biss, u mhux lir-rikorrenti l-oħra. Anke jekk għall-grazzja tal-argument l-aħwa Lupi Spencer kienu akkwistaw ir-raba' in kwestjoni fl-intier tagħha sal-2019, xorta waħda l-fatt illi huma m'aċċettawx il-kirja jwassal lil din il-Qorti sabiex, fid-dawl tal-insenjamenti ġurisprudenzjali mogħtija aktar 'il fuq, tikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda relazzjoni lokatizja bejn l-aħwa Lupi Spencer u l-intimat Sultana;

47. Din it-teżi tal-Qorti hija kkonfermata bil-fatt illi kemm fir-rikors promotur, kif ukoll fl-affidavit ta' Mario Lupi Spencer, tissemma ċ-ċifra ta' €34.95 fis-sena, meta mbagħad:

(a) l-irċevuti tal-kera esebiti mill-intimat Sultana huma kollha fl-ammont ta' €11.65 fis-sena;

(b) l-intimat Sultana fl-affidavit tiegħu jgħid illi *"Nikkonferma li matul is-snin missieri, u llum-il ġurnata jien, dejjem żammejna mal-obbligu*

*tagħna u ħallasna l-qbiela fl-ammont ta' ħdax-il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) fis-sena"*[9];

(c) ir-rikorrent Mario Lupi Spencer, mistoqsi in kontro-eżami jekk il-kera għolietx xi darba, jgħid, *"Le, ma għolietx"*[10];

Li kieku verament kien hemm relazzjoni lokatizja bejn l-aħwa Lupi Spencer u l-intimat Sultana, l-aħwa Lupi Spencer kienu mill-inqas ikunu jafu kemm hija s-somma dovuta bħala qbiela kull sena mill-intimat Sultana;

48. L-unika isem illi jiċċentra fil-provi prodotti huwa dak ta' 'A. Said', illi jidher illi huwa l-persuna illi kienet tiffirma l-irċevuti tal-ħlas tal-qbiela. Madanakollu: (a) ma ġie fl-ebda punt konfermat illi l-istess 'A. Said' li ffirma l-irċevuti huwa r-rikorrent Anthony Said; u (b) *dato ma non concesso* illi A. Said u Anthony Said huma l-istess persuna, minn imkien fil-provi ma jirriżulta x'sehem kellu minn din ir-raba', b'dana illi anke li kieku din il-Qorti kellha ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, m'hemmx mod kif wieħed jikkwantifika l-kumpens illi għandu jkun lilu dovut, għax, għajr is-sehem mir-raba' illi akkwistaw l-aħwa Lupi Spencer, ma nġabet l-ebda prova illi turi Anthony Said kienx waħdu sid-il-kera, għadx għandu sehem bħala sid-il-kera, u jekk kienx f'xi punt sid, apparti sid-il-kera;

49. Fid-dawl tal-inkonsistenzi hawn osservati, din il-Qorti m'għandha l-ebda mod kif tindaga ta' min mir-rikorrenti għandu jitqies illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali, u cioe jekk hux ta' Anthony Said jew tal-aħwa Lupi Spencer, jew tal-erba' rikorrenti flimkien, u dan stante illi fuq naħa hemm il-firem fuq l-irċevuti ta' persuna illi ma ġietx identifikata, u fuq naħa oħra hemm ċedoli ta' depositu illi jgħajtu lil Anthony Said u lill-aħwa Lupi Spencer (separatament) u cioe prova ċara tal-fatt illi Anthony Said u l-aħwa Lupi Spencer ma kinux qed jaċċettaw il-kirja fis-snin relattivi, b'dana illi għalhekk evidentement f'dawn is-snin relattivi ma jistgħux jitqiesu illi kienu sidien-il-

[9] Vide l-affidavit tal-intimat Sultana, immarkat bħala **Dok A**, a fol 278 tal-proċess
[10] Vide traskrizzjoni tax-xhieda ta' Mario Lupi Spencer in kontro-eżami, mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru 2022, a fol 349 tal-proċess

kera. Imbagħad hemm l-inkonsistenzi fix-xhieda tal-aħwa Lupi Spencer illi lil din il-Qorti tkompli tpoġġilha fid-dubju x'kien verament l-iskop wara l-intavolar ta' din il-kawża, għaliex żgur illi persuna illi jkunu qed jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tagħha tkun ben konxja ta' <u>kif</u> ikunu qed jiġu leżi l-istess drittijiet;

50. Fl-impossibilta' għal din il-Qorti illi tidentifika l-persuna/i illi hija sid-il-kera fil-każ odjern, din il-Qorti tqis illi l-kawża odjerna ma tistax tirnexxi;

51. Konsegwentement, sejra tgħaddi sabiex **<u>tilqa</u>**' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat u l-intimat Sultana fit-tieni paragrafu tar-risposti rispettivi tagħhom, u **<u>tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

**Decide**

52. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>**' l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu; u

(ii) **<u>Tilqa</u>**' l-eċċezzjoni sollevata mill-intimat Euchar Sultana fit-tieni paragrafu tar-risposta tiegħu; u konsegwentement

(iii) **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

Tordna illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mir-rikorrenti *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**